MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 190/2009

**Bezzina Perit Alexander pro et noe**

**vs**

**Carmelo Farrugia Melfar Limited (C2687)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta’ Marzu 2009, fejn intalab li l-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lil atturi s-somma ta’ elfejn, tlett mija u sittin Euro (€2,360.00) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-s-Socjta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-12 ta’

Ottubru 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lil atturi s-somma ta' elfejn, tlett mija u sittin Euro (€2,360.00), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------